**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 25 ta' Frar 2016**

Rikors Guramentat Nru. 59/15RGM

Kawza fil-lista: 20

**A B**
**vs**
**D E f'isimha proprju u permezz ta' digriet datat 24 ta' Marzu 2015 giet nominata bhala kuratrici ta' binha C B E; u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur fit-18 ta' Marzu 2015 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi r-rikorrent u l-konvenuta D E zzewgu nhar is-sitta' ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u disgha u disghin (06.10.1999) u matul iz-zwieg taghhom, propju nhar is-sitta' ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (06.09.2008) twieled il-rninuri C B E li llum ghandu sitt snin;

Illi l-partijiet isseparaw perrnezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono, nhar id-dsatax ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (19.05.2014); madanakollu huma kienu ilhom jghixu hajja totalment separata minn xulxin ghal diversi snin;

Illi effettivament meta gie kkoncepit il-minuri C B E, il-partijiet diga' kienu jghixu hajja totalment separata minn xulxin; madanakollu r-rikorrent gie mnizzel bhala l-missier bijologiku tal-imsemmi C B E u dana stante illi effettivament il-partijiet kienu ghadhom ma sseparawx legalment;

Illi madanakollu, entrambi l-partijiet jafu li l-minuri C B E mhux iben ir-rikorrent u fil-fatt huma anke ghamlu dikjarazzjoni opportuna fl-anness kuntratt ta' separazzjoni personali;

Illi ghalhekk jehtieg illi jsiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-minuri C B E, liema gie rregistrat mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Tghid ghalhekk l-intimata, ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrenti mhux il-missier naturali u bijologiku tal-minuri C B E li twieled nhar is-sitta' ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (06.09.2008);

Konsegwentement tordna li jithassru d-dettalji tar-rikorrent mil-kolonna "isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier" mic-certifikat tat-twelid tal-minuri C u jigu sostitwiti bil-kliem, "missier mhux maghruf";

Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel dawk il-korrezzjonijiet mehtiega fl-istess certifikat tat-twelid tal-minuri u dan ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.

Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, jekk ikun il-kaz, il-korrezzjoni f'kull att iehor relattiv u sussegwenti ghall-imsemrni certifikat tat-twelid;

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku pprezentata fit-13 ta’ April 2015 fejn iddikjara s-segwenti;

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva, li din l-azzjoni hi intempestiva, stante l-fatt li ladarba skorrew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri C B E, din l-azzjoni kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-Artikolu 73 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semghet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri C B E, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti ghal procediment tal-azzjoni odjerna;

2. Illi preliminarjament, minghajr hsara ghall-premess, trattasi minn kawza ta' denegata paternita r-rikorrent jehtieglu jipprova u jissodisfa talanqas wahda mic-cirkostanzi komminati fl-Artikolu 70 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, jekk jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrent, l-esponent xorta wahda jhoss li huwa fl-ahjar interess tal-minuri C B E, illi l-intimata D E tispecifika min huwa l-isem ezatt tal-missier naturali halli b'hekk dan ikun jista' jigi msejjah fil-kawza anke bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 149 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Di fatti huwa opportun u xieraq li l-minuri C B E, tal-inqas ghandu jkun jaf min huwa l-missier naturali tieghu;

4. Illi bla hsara ghas-suespost, f'kaz li tintlaqa' it-tielet eccezzjoni ta' l-esponent, 1-esponent jinvita lill-missier naturali tal-minuri C B E sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-isem u 1-kunjom, (2) id-dokument tal-Identita', (3) l-eta' tieghu meta twieled il-minuri C B E, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled it-tifel C B E. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit C B E bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 3143 tas-sena 2008;

5. Illi minghajr hsara ghas-suespost, l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji u ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

6. Illi subordinatament dejjem bla hsara gnal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, il-minuri C B E irid jaghzel liema kunjom se jzomm a tenur tat-tieni proviso tal-Artikolu 73 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna li jigu mnehhija 1-kelmiet ‘the said' li jinsabu qabel isem A Sobhi Moh'd B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm mill-Att tat-Twelid tal-minuri bin-numru progressiv 3143 tas-sena 2008;

8. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas tal agir tal-esponent u kwindi huwa m' ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat in-nota tal-attur tas-7 ta' Mejju 2015 li maghha annetta l-affidavit tieghu;

Rat ir-risposta tal-konvenuta propio et nomine ppresentata fis-26 ta' Mejju 2015 fejn iddikjarat li taqbel mal-premessi tal-attur u ddikjarat li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha;

Rat id-digriet tas-7 ta' Mejju 2015 fejn giet milqugha t-talba tal-konvenuta ghall-ghajnuna legali;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tas-16 ta' Gunju 2015, fejn il-Qorti laqghet t-talba tal-attur li saret b'rikors ppresentat fis-16 ta' April 2015 biex jigi ssanat ir-rikors promotorju in vista tal-eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li l-attur naqas milli, qabel jintavola l-kawza odjerna, jottjeni mill-Qorti l-awtorizzazzjoni a procedere ai termini tal-Artikolu 73 tal-Kap 16;

Rat id-digriet tas-16 ta' Gunju 2015 fejn il-Qorti nnominat lil Dottor Marisa Cassar sabiex tikkonduci t-test tad-DNA fuq il-persuna tal-attur, tal-konvenuta u tal-minuri;

Rat l-affidavit ta' Dottor Marisa Cassar mahluf fil-15 ta' Ottubru 2015 fejn ikkonfermat li mit-testijiet li saru jirrizzulta li l-attur mhux il-missier naturali tal-minuri C B E;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2015 fejn Dottor Benjamin Valenzia ghall-konvenuta talab li l-minuri ghandu jkun magharuf bil-kunjom 'E' u mhux bil-kunjom 'B E', u Dottor Rodianne Sciberras ghall-attur iddikjarat li taqbel mal-istess talba, u l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**PROVI.**

L-attur annetta mar-rikors promotorju kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni personali pubblikat min Nutar Dottor Joseph Debono fid-19 ta' Mejju 2014. Fl-istess kuntratt il-partijiet iddikjaraw li ghalkemm fiz-zwieg twieled tifel, C B E, dan mhux il-wild naturali tar-ragel, li gie registrat fuq kunjom ir-ragel u li kienu ser jiehdu l-passi necessarji biex ma jibqax registrat f'isem ir-ragel. Fl-istess kuntratt il-partijiet ftehmu, 'inter alia' li rrinunzjaw reciprokament ghad-drittijiet successorji, ghad-dritt ta' manteniment ukoll reciprokament, u li l-minuri jkun fdat fil-kura u kustodja esklusiva tal-omm.

L-attur annetta l-affidavit tieghu ma' nota pprezentata fis-7 ta' Mejju 2015. Hu kkonferma li zzewweg lill-konvenuta fis-6 ta' Ottubru 1999 u ma kellhomx tfal. Iddikjara li l-minuri C, li dak iz-zmien kellu 6 snin, mhux ibnu izda billi hu kien mizzewweg mal-omm, gie registrat f'ismu. Hu jghid li ma jistax jkun li it-tifel hu tieghu ghaliex meta l-konvenuta inqabdet tqila ma kienux ghadhom flimkien, huma kienu iggieldu u ma baqghux flimkien lejn l-ahhar tas-sena 2007. L-attur iddikjara li jaf li l-konvenuta ghamlet diversi xhur tohrog ma' ragel barrani, u hi stess kienet qaltlu li harget tqila minn dan ir-ragel. Meta kien staqsiha x'kien bi hsiebha taghmel kienet bdiet tikbi u qaltlu li kien telaqha u siefer. Wara t-twelid tat-tifel kienu rrikonciljaw ghal xi zmien sakemm isseparaw legalment. Hu ddikjara li it-tifel mhux tieghu kif jista' jigi kkonfermat mit-testijiet genetici meta dawn jsiru.

Dottor Marisa Cassar Ph.D. fl-affidavit taghha mahluf fil-15 ta' Ottubru 2015 ikkonfermat li mit-testijiet li ghamlet, irrizulta li l-attur mhux il-missier naturali tal-minuri C B E .

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Skont l-**Artikolu 67 tal–Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta;

"L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu."

Il-minuri twieled fis-6 ta' Settembru 2008, u l-kuntratt ta' separazzjoni personali gie ppublikat fid-19 ta' Mejju 2014. Dan iffisser, li anke jekk il-partijiet kienu ghamlu xi zmien separati 'de facto', billi t-tifel twieled meta legalment kienu ghadhom mizzewgin, gie registrat f'isem ir-ragel tal-omm, skont l-Artikolu citat supra.

L-attur qed jipprocedi b'din il-kawza biex jichad li jgharaf lit-tifel, kawza "denegata paternita' " a tenur tal-artikolu 70 tal-Kap 16. Skont dan l-artikolu ir-ragel tal-omm jista' jitlob li ma jgharafx lit-tifel jekk jipprova li fiz-zmien bejn it-tlett mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelied tat-tifel, kien fl-impossibilita' fizika li jghammar ma' martu, jew jekk fl-istess zmien kien mifrud 'de facto' jew legalment minn martu, purche' fl-imsemmi zmien ma jergghux jikkoabitaw, jew jekk jipprova li f'dak l-istess zmien kien milqut minn impotenza, jew jekk jipprova li f'dak iz-zmien martu ghamlet adulterju, jew kienet hbiet it-tqala, jew li l-paternita' tkun eskluza minn testijiet genetici.

Skont is-sub incis (2) tal-istess Artikolu;

"Id-dikjarazzjoni tal-omm fis-sens li zewgha mhux missier it-tifel ghandha tinghata konsiderazzjoni f'kawza li tkun tirrigwarda l-eskluzjoni tal-paternita' tar-ragel".

L-**Artikolu 73 tal-Kap 16** jimponi certi termini meta din l-azzjoni tista issir mir-ragel tal-omm, cioe' f'zmien sitt xhur mit-twelied, jekk kien Malta, f'zmien sitt xhur minn meta jigi lura Malta, jekk f'zmien it-twelied kien msiefer, jew f'zmien sitt xhur minn meta jikxef il-qerq, jekk it-twelied kien gie lilu mohbi. Fil-proviso tal-istess Artikolu, ir-ragel jinghata l-fakolta' li jipprocedi barra minn dawn it-termini, wara li jsir rikors f'dan is-sens u jinghata l-awtorizazzjoni jipprocedi.

Fil-kas in ezami, l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, eccepixxa preliminarjament li l-azzjoni attrici hi intempestiva billi ma sarx ir-rikors imsemmi, pero' fir-risposta tieghu tal-4 ta' Mejju 2015, ghar-rikors tal-attur ippresentat fit-22 ta' April 2015, iddikjara li ma jopponix ghat-talba tal-attur li jigi ssanzjonat r-rikors guramentat. B'digriet moghti mill-Qorti fis-seduta tas-16 ta' Gunju 2015 giet milqugha t-talba tal-attur kif dedotta fir-rikors ippresentat fis- 16 ta' April 2015 u b'hekk ir-rikors promotur gie sanat.

Fir-risposta tieghu, id-Direttur tar-Registr Pubbliku ddikjara in oltre, li fl-interess tal-minuri l-omm ghandha tispecifika minn hu il-missier naturali.

Il-konvenuta, pero', fir-risposta taghha, mahlufa fis-26 ta' Mejju 2015, illimitat ruhha ghal-dikjarazzjoni li taqbel u taderixxi mat-talbiet attrici. Fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2015, l-Avukat Dottor Benjamin Valenzia ghall-konvenuta talab li l-minuri ghandu jkun magharuf bil-kunjom "E" u mhux "B E".

Fil-mertu, rrizulta mill-affidavit tal-attur li meta l-konvenuta harget tqila, ghall-habta ta' Dicembru 2007, huma kienu ghamlu erba' xhur mhux flimkien. It-tifel twieled fis-6 ta' Settembru 2008, u disa' xhur qabel it-twelied l-partijiet ma kienux jikkobitaw u kienu 'de facto' separati.

In oltre, l-attur iddikjara li l-konvenuta ammettiet mieghu li kellha relazzjoni ma' strangier, ghamlet diversi xhur mieghu, u spiccat biex harget tqila minnu. Dan pero' telaqha u siefer permanentement.

Mir-rapport ipprezentat u mahluf minn Dr. Marisa Cassar Ph.D. irrizulta li l-attur, A B, mhux il-missier naturali tal-minuri C B E.

It-talbiet attrici ghalhekk jirrizultaw ippruvati u jimmeritaw li jigu milqugha.

**DECIDE.**

Il-Qorti, ghalhekk qed taqta' u tiddecidi din il-kawza billi tiddisponi mir-risposta tal-konvenut Direttur tar-Registru u tilqa' t-talbiet attrici,

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-attur mhux il-missier naturali tal-minuri C B E li twieled fis-6 ta' Settembru 2008;

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna li jithassru id-dettalji tal-attur mill-kolonna "isem u konjom u post tat-twieled tal-missier" mic-certifikat tat-twielid tal-minuri C u jigu sostiwiti bil-kliem, "missier mhux maghruf";

3. Tilqa' it-tielet talba attrici u tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel l-korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikat tat-twelied tal-minuri;

4. Tilqa' is-seba' eccezzjoni tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku u tordna li jigu kkancellati il-kliem "the said" taht il-kolonna u fir-ringila fejn hemm indikat t-tagharif dwar l-omm fl-istess Att tat-Twelid;

5. Tilqa' ir-raba' talba attrici u tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, jekk jkun il-kas, li ssir l-korrezzjoni f'kull att iehor relattiv u sussegwenti ghall-imsemmi certifikat tat-twelid.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenuta D E.

**Imhallef** **Deputat Registratur**